MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' Diċembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 93/2022 LM

**Aleksandar Jovanovic**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-Aġenzija appellanta')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Identity Malta Agency**, [hawnhekk 'l-appellanta'], minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tas-17 ta' Ġunju, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha l-Bord irrevoka d-deċiżjoni tal-appellanta tat-12 ta' Awwissu, 2021, u laqa' l-appell tar-rikorrent **Aleksandar Jovanovic** [hawnhekk 'l-appellat'].

**Fatti**

2. Jirriżulta li r-rikorrent kien intavola applikazzjoni għal Permess Uniku fir-rigward ta' Residenza u Xogħol quddiem l-intimata. Wara li l-intimata irċeviet din l-applikazzjoni, saret konsultazzjoni interna mal-awtoritajiet konċernati sabiex jiġi stabbilit jekk dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, is-Serbja, għandux jingħata l-permess biex jaħdem f'Malta. L-intimata spjegat li hija rċeviet informazzjoni fuq is-sistema *online* mingħand il-Pulizija, li kienet tindika li għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika u ta' ordni pubblika, l-applikazzjoni tar-rikorrent għandha tiġi miċħuda. Kien għalhekk li fit-12 t'Awwissu, 2021, l-intimata bagħtet id-deċiżjoni tagħha lir-rikorrent, fejn infurmatu li l-applikazzjoni tiegħu kienet qiegħda tiġi miċħuda "*on grounds of public policy and public security*". Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord permezz ta' rikors imressaq fis-16 t'Awwissu, 2021, fejn spjega li huwa ilu jgħix Malta għal dawn l-aħħar tmien snin u li għal ħamsa minn dawn it-tmien snin, huwa kellu permess tax-xogħol. Ir-rikorrent spjega li din hija r-raba' darba li l-applikazzjoni tiegħu qegħda tiġi rifjutata, u in vista tal-fatt li huwa dejjem ingħata l-istess raġuni għar-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu, jixtieq spjegazzjoni ta' dan. Ir-rikorrent ippreżenta għall-attenzjoni tal-Bord, kopja ta' deċiżjoni tal-istess Bord tat-2 ta' April, 2019, fejn il-Bord kien laqa' l-appell tar-rikorrent għaliex Identity Malta kienet naqset milli tippreżenta risposta wara r-rikors tal-appell tar-rikorrent. Ir-rikorrent spjega li għajr għal kontravvenzjonijiet minuri, huwa qatt ma kellu problemi mal-awtoritajiet lokali jew mal-Pulizija, kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija ta' Malta, u żied jgħid li għalhekk għandu jkun evidenti li huwa kien persuna ta' kondotta tajba tul il-perijodu kollu li ilu jgħix u jaħdem

f'Malta. Qal ukoll li kemm dam jgħix fis-Serbja, huwa qatt ma ffaċċja akkużi kriminali, kif jirriżulta miċ-ċertifikat maħruġ mill-Qorti ta' Knjazevac, fir-Repubbika tas-Serbja. Ir-rikorrent qal li d-deċiżjoni tal-intimata li huwa jiġi mċaħħad mill-opportunità li jaħdem u jgħix hawn Malta, hija waħda diskriminatorja fil-konfront tiegħu, speċjalment wara li Identity Malta ma tat l-ebda raġuni għalfejn hija aġixxiet kontra d-deċiżjoni finali tal-Bord tal-Immigrazzjoni li ngħatat fil-15 ta' Lulju, 2021. Ir-rikorrent spjega li huwa jgħix hawn Malta flimkien ma' martu Jelena Ignjatovic, li għandha Permess Uniku, u ma' binthom Stasa, li tattendi l-Iskola Primarja ta' San Pawl il-Baħar. Qal li huwa jaħdem ma' Marsa Rebar Limited, u l-prinċipal tiegħu ħareġ ittra fejn qal li huwa persuna li jaħdem ħafna u li huwa responsabbli, u li għalhekk huwa meqjus bħala ħaddiem idoneu fil-kumpannija li jaħdem magħha. Ir-rikorrent qal li għalhekk huwa ċar li hemm nuqqas ta' ftehim fir-rigward tal-kondotta personali tiegħu, u f'dan il-punt jixtieq kjarifika dwar dan.

**<u>Mertu</u>**

3. Fir-risposta tagħha, l-intimata wieġbet li waqt li kien qiegħed isir il-proċess tad-*due diligence,* u wara li ttieħdet konsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-partijiet interessati kollha, irriżulta li ma kienx hemm rakkomandazzjoni biex l-applikazzjoni tar-rikorrent tiġi approvata. L-intimata qalet li fil-fatt id-Dipartiment tal-Immigrazzjoni tal-Pulizija ma rrakkomandax li din l-applikazzjoni tiġi milqugħa, u għalhekk ikun aħjar jekk jittella' rappreżentant tal-Pulizija jixhed quddiem il-Bord dwar dan.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-17 ta' Ġunju, 2022, il-Bord iddeċieda li l-appell tar-rikorrent għandu jiġi milqugħ, u dan għas-segwenti raġunijiet:

***1. Preliminary***

*The Board noted yet another refusal issued by Identity Malta, dated 12th August, 2021, stating that the appellant's application was refused on grounds of public policy and public security.*

*Noted the appeal and its contents filed by his legal counsel, dated 3rd September, 2021.*

*Noted all the documents filed by the appellant principally the following:*

*1. The refusal previously dated 5th October, 2020;*
*2. The Appeals Board decision dated 15th July, 2020;*
*3. The declaratory letter by his employer Ing. Etienne Bartolo, of Marsa Rebar Limited, as requested by Identity Malta Agency;*
*4. The interim receipt issued by Identity Malta Agency;*
*5. The subsequent refusal letter dated 12th August, 2021;*
*6. A copy of the previous work permit;*
*7. Clean police conduct;*
*8. Certificate issued by Serbian Authorities on the 1st November, 2018, duly translated, which certificate states that no criminal proceedings have been brought against the appellant.*

*The Board, once again, refers to the previous decisions issued by this Board and the judgment given by the Court of Appeal on the 11th February, 2019, in the names of Istok Lazarevic vs Director of Citizenship and Expatriates.*

*Notes also the work permit, issued to his wife Jelena Ignjatovic and the school documentation referring to their daughter, Stasa Jovanovic.*

*Noted that the Identity Malta Agency did not file a reply.*

***Decision***

*Therefore, after having received the relative submissions presented by the appellant, the Board revokes the relative decision and accepts the appeal."*

**L-Appell**

5. L-appellanta ressqet ir-rikors tal-appell tagħha mid-deċiżjoni tal-Bord fl-4 ta' Lulju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar Immigrazzjoni tas-17 ta' Ġunju, 2022 fl-ismijiet premessi, għalkemm fil-parti konklussiva tar-rikors tal-appell tal-appellanta, id-data tad-deċiżjoni ġiet indikata bħala l-20 ta' Ġunju, 2022, u tibgħat l-atti lura quddiem il-Bord sabiex dan jerġa' jieħu deċiżjoni mill-ġdid wara li jqis ir-risposta intavolata mill-appellanta.

6. L-appellanta spjegat li l-Bord ta d-deċiżjoni tiegħu abbażi ta' riċerka *online,* mingħajr ma sema' x-xhieda u mingħajr ma żamm seduti. Qalet li hija ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni, u huwa għalhekk li ddeċidiet li tappella minnha, stante nuqqas ta' parità ta' armi. L-appellanta qalet li fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord qies li l-Identity Malta Agency ma daħħlitx risposta għar-rikors tal-appell tar-rikorrent quddiem il-Bord, hawnhekk l-appellat, u qalet li hija ma kinitx ġiet notifikata bl-aggravji tal-appell tar-rikorrent quddiem il-Bord. Qalet li hija ġiet notifikata biss bl-intenzjoni tar-rikorrent li jappella mid-deċiżjoni tagħha, u ghalkemm hija ma ġietx notifikata bl-aggravji tal-appellant, hija xorta waħda ppreżentat risposta quddiem il-Bord fejn talbet li jitħarrek xhud in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jixhed dwar l-oġġezzjoni tal-Pulizija għall-applikazzjoni tar-rikorrent. Qalet li għalhekk l-atti għandhom jintbagħtu quddiem il-Bord sabiex dan jisma' l-appell mil-ġdid wara li jieħu konjizzjoni tar-risposta tagħha. Qalet ukoll li l-Bord fid-deċiżjonijiet tiegħu jissottolineja l-prinċipju tal-*equality of arms ai termini* tal-artikolu 3(2) tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda mhux biżżejjed li wieħed jissottolinea prinċipju

bażiku bħal dan mingħajr ma jħaddmu kif inhu xieraq. Qalet ukoll li dan kollu jrendi d-deċiżjoni tal-Bord nulla għaliex il-prinċipju ta' *audi alteram partem* jitlob li enti ġudikanti tisma' lill-partijiet kollha qabel ma tiddeċiedi l-vertenza li jkollha quddiemha. L-appellanta saħqet li dan il-prinċipju jista' jiġi rispettat biss kemm-il darba l-Qorti tannulla d-deċiżjoni tal-Bord u tibgħat l-atti lura sabiex il-Bord jerġa' jiddeċiedi l-każ wara li l-appellanta tingħata l-opportunità li tressaq id-difiża tagħha.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

7. L-appellat fir-risposta tiegħu wieġeb li d-deċiżjoni tal-Bord kienet ġusta u timmerita konferma, u żied jgħid li l-appell intavolat mill-appellanta huwa irritu u null stante li ġie ppreżentat *fuori termine.* Qal li d-deċiżjoni tal-Bord ingħatat fis-17 ta' Ġunju, 2022, iżda l-appell tal-appellanta ġie intavolat fl-4 ta' Lulju, 2022. Qal li *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom ikunu finali ħlief fir-rigward ta' punti ta' dritt, li minnhom jista' jkun hemm appell fi żmien għaxart ijiem quddiem din il-Qorti. L-appellat qal li l-appellanta tikkontendi li hija ġiet notifikata bid-deċiżjoni tal-Bord fis-27 ta Ġunju, 2022, u dan abbażi ta' *email* mibgħuta minn ċertu Dorian Zammit, u din l-*email* intbagħtet lill-appellanta in segwitu għal *email* oħra tal-appellanta datata, minn fejn jirriżulta li din kienet infurmata mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni li d-deċiżjoni mertu ta' dawn il-proċeduri kienet ser tingħata fis-17 ta' Ġunju, 2022, u għalhekk kien jispetta lill-appellanta li tiġbor id-deċiżjoni fil-ħin u qabel ma jiskadi t-terminu tal-appell. L-appellat għamel riferiment għal deċiżjonijiet oħra ta' din il-Qorti fejn tqajmet il-kwistjoni ta'

meta saret in-notifika tad-deċiżjoni tal-Bord, u qal li fil-każ odjern, mill-komunikazzjoni esebita għandu jirriżulta li d-deċiżjoni tal-Bord ġiet ikkomunikata direttament lill-appellanta permezz ta' *email* datata t-22 ta' Ġunju, 2022, u għalhekk għandu jirriżulta li l-appellanta kienet taf meta kellha tingħata d-deċiżjoni, u fil-fatt kellha kopja tagħha ħamest ijiem wara li ngħatat. L-appellat qal li l-*email* tas-27 ta' Ġunju, 2022 ma tikkostitwixxix l-aqwa evidenza li l-appellanta setgħet iġġib fir-rigward tan-notifika tad-deċiżjoni tal-Bord, u in vista ta' din l-inċertezza, it-terminu tal-appell għandu jibda jiddekorri mid-data tad-deċiżjoni tal-Bord, jiġifieri mid-data stampata b'timbru tal-Bord fuq id-deċiżjoni, is-17 ta' Ġunju, 2022. L-appellat qal li f'każ li l-appellanta jidhrilha li għandha tissottometti li dan il-punt ma jistax jiġi sollevat mill-appellat għaliex jikkostitwixxi eċċezzjoni preliminari, għandu jingħad li din il-materja tista' tiġi sollevata wkoll mill-Qorti *ex officio,* stante li din hija materja ta' ordni pubbliku.

8. Mingħajr preġudizzju għal dan, l-appellat qal li s-sottomissjoni tal-appellanta li hija ma ġietx notifikata bir-rikors tal-appell tiegħu, u li hija ġiet notifikata biss bl-intenzjoni tal-appellat li jappella mid-deċiżjoni tal-appellanta, ma ġietx ippruvata. Qal li f'każ li kien hemm xi nuqqas da parti tal-Bord sabiex jinnotifika lill-intimata bl-aggravji tar-rikorrent, liema aggravji ddaħħlu fit-terminu indikat mill-Bord, dan irid jiġi ppruvat. Qal li fl-istess waqt li l-appellanta tallega li ma ġietx notifikata bl-aggravji tiegħu, din tiddikjara li hija xorta waħda ppreżentat risposta quddiem il-Bord, fejn talbet li jiġi mħarrek il-Kummissarju tal-Pulizija jew rappreżentant tiegħu. L-appellat qal li f'każ li l-appellanta xtaqet li jiġi mħarrek il-Kummissarju tal-Pulizija u/jew rappreżentant tiegħu, din

setgħet faċilment tindikah fil-lista tax-xhieda tal-appell odjern, iżda dan ma sarx, u ġie indikat biss 'rappreżentant fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta' bħala xhud. L-appellat żied jgħid li l-appellanta taf ukoll li l-Bord jagħti żmien ta' ħmistax-il ġurnata sabiex il-partijiet idaħħlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub flimkien mad-dokumenti relattivi, u għalhekk l-appellanta setgħet faċilment tagħmel dawk il-verifiki neċessarji mal-Bord sabiex tara jekk in segwitu għall-appell, ir-rikorrent kienx daħħal nota bl-aggravji tiegħu. Żied jgħid li l-intimata naqset milli tagħmel dan, minkejja li tiddikjara li ġiet notifikata bl-appell tat-12 t'Awwissu, 2021. Ir-rikorrent qal li finalment, il-Bord fid-deċiżjoni tiegħu għamel riferiment għad-deċiżjoni preċedenti tal-Bord fir-rigward ta' Aleksandar Jovanovic, u anki ħa konsiderazzjoni tad-dokument ippreżentat, li jindika l-appellat kemm ilu jgħix hawn Malta, huwa kellu kondotta nadifa, u ġie ppreżentat ukoll ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet Serbi li juri li ma kien hemm l-ebda proċeduri kriminali kontra l-appellat fis-Serbja. L-appellat qal li l-Bord ħa wkoll konsiderazzjoni tal-fatt li l-appellat ilu jirrisjedi u jaħdem hawn Malta għal għadd ta' snin, u li dan jgħix f'Malta flimkien ma' martu u ma' bintu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Il-Qorti sejra fl-ewwel lok tistħarreġ l-eċċezzjoni mqajma mill-appellat, li l-appell intavolat minn Identity Malta Agency ġie ppreżentat *fuori termine.* Il-Qorti tqis li mill-atti tal-proċeduri quddiem il-Bord, jirriżulta li fuq id-deċiżjoni tal-Bord fl-ismijiet premessi, hemm timbru li sar mill-Bord, li jgħid: "*Decision collected from IAB on: 17 Jun 2022*". Dan it-timbru ma jindikax minn min ġiet irtirata l-kopja tad-deċiżjoni, iżda huwa indikattiv illi rappreżentant tal-

appellanta ġabar kopja tad-deċiżjoni tal-Bord dakinhar stess li din ingħatat id-deċiżjoni. Tenut kont tat-terminu qasir li fih iridu jsiru l-appelli, Identity Malta m'għandhiex tistenna li tkun notifikata permezz ta' *email* bid-deċiżjoni tal-Bord dwar applikazzjoni li tkun tressqet quddiemha, u għandha tikseb kopja tagħha dakinhar li l-Bord jagħti d-deċiżjoni tiegħu, ladarba l-appellanta kienet infurmata minn qabel bid-data ta' meta kellha tingħata d-deċiżjoni mill-Bord. Applikazzjoni bħal dik mertu ta' dawn il-proċeduri, inevitabbilment taffettwa il-ħajja tal-applikant u tal-familja tiegħu b'mod drastiku, u żgur li m'huwa fl-interess ta' ħadd li l-proċess jitwal aktar milli huwa meħtieġ, u l-appellanta flok ma tiġbor kopja tad-deċiżjoni dakinhar li ngħatat, kif jirriżulta li għamlet skont l-atti tal-proċeduri quddiem il-Bord, toqgħod tistenna li tirċievi kopja tagħha permezz ta' *email*. Għaldaqstant, il-Qorti tqis li l-appell odjern ġie intavolat mill-appellanta *fuori termine,* u għalhekk mhijiex sejra tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi l-appell intavolat mill-appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**